

31996R2153

12.11.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 289/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2153/96
tal-25 ta' Ottubru 1996**

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2454/93 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 361, il-livell tal-garanzija komprensiva għal transitu estern fil-Komunità stabbilit għal ta' lanqas 30 % tad-dazji u imposti oħra pagabbli ma jassigurax fil-każi kollha l-irkupru tar-riżorsi propji fil-każ ta' frodi; billi konsegwentement huwa rakkomandabbli li jiżdied dan il-livell, b'ħala regola ġenerali, għal 100 % ħlief f'każi speċifiċi.

Billi Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽²⁾ għandu jkun emendat,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 361 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 qiegħed b'hekk jiġi emendat kif ġej:

1. il-paragrafu 1 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ammont tal-granzija komprensiva qed jiġi stabbilit għal 100 % tad-dazji u l-imposti pagabbli, b'minimu ta' ECU 7 000,

permezz tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, ħlief fil-każi msemmija fil-paragrafu 2.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jistabbilixxu l-ammont tal-garanzija komprensiva għal ta' lanqas 30 % tad-dazji u l-imposti l-oħra pagabbli, b'minimu ta' ECU 7 000, permezz tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, sakemm:

— l-operatur ikun matul il-perjodu ta' sentejn regolament wettaq operazzjonijiet ta' transitu fil-Komunità permezz taħt is-sistema tal-garanzija komprensiva,

— ma jkunx għamel xi ksur ta' l-obligazzjonijiet tiegħu matul dak il-perjodu,

— il-garanzija mnaqqsa tkun tkopri ta' lanqas l-ammont tad-debitu doganali,

— l-oġġetti ma jkunux elenkati fl-Anness 52 u ma jkunux esklużi mill-garanzija komprensiva.

3. L-eċċezzjoni li hemm provdut għaliha fil-paragrafu 2 m'għandiex tgħodd jekk il-kondizzjonijiet hemm imsemmija ma jkunux għadhom fis-seħħ."

2. il-paragrafi 2 u 3 għandhom isiru paragrafi l-paragrafi 4 u 5 rispettivament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Ottubru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

E. KENNY

⁽¹⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

⁽²⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1676/96 (ĠU L 218, tat-28.8.1996, p. 1).